# *Guzeppi Mercieca Arcisqof ta' Malta*

Imwieled fit-12 ta' Novembru r-Rabat, Ghawdex. Ha t-taghlim tieghu gewwa s-Seminarju ta' Ghawdex, fejn beda l-mixja tieghu ghas-sacerdozju, u kompla l-istudju tieghu f'Ruma. F'Marzu 1952 gie ordnat sacerdot gewwa l-Katidral ta' Ghawdex. Mill-1959 sal-1969 kien Rettur tas-Seminarju ta' Ghawdex. Fl-1969 gie nnominat imhallef tas-Sacra Romana Rota. Hadem ukoll fl-Ufficcju tal-Kongregazzjoni tas-Sagramenti u tal-Kongregazzjoni ghad-Duttrina tal-fidi. Fis-27 ta' Lulju 1974 gie nominat awziljarju ta' Mons. Mikiel Gonzi u ordnat isqof titulari ta' Gemelle fin-Numidja fid-29 ta' Settembru 1974. Fid-29 ta' Novembru 1976 gie nominat Arcisqof ta' Malta. Ha l-pussess ta' Arcisqof fit-12 ta' Dicembru 1976 u gie nominat konsultur tas-Sacra Romana Rota fl-1992 u aktar tard imhallef fis-Segnatura Apostolica.

Monsinjur Arcisqof Guzeppi Mercieca zar kemm il darba l-Parrocca taghna ghalkemm nahseb li jghaddi sikwit mir-rahal taghna fi triqtu lejn Ghawdex jew ghal xi mpenn in-naha ta' fuq ta' Malta.

Fost id-drabi li huwa zar il-Parrocca taghna bhala ir-Raghaj insibu li gie fostna ghall-ewwel darba fil-ftuh tal-Gimgha Parrocca, il-Hadd 24 ta' Ottubru 1976. Gie bosta drabi biex jamministra s-sagrament tal-Konfermazzjoni: l-ewwel darba kien fis-16 ta' Dicembru 1978, u aktar tard fit-23 ta' Mejju 1982, 21 ta' Settembru 1986, 18 ta' Settembru 1988, 27 ta' Settembru 1992, 20 ta' Jannar 1995, u 30 ta' Novembru 1997.
Hu kien fostna fic-celebrazzjoni li ghamilna biex fakkarna l-anniversarju tal-25 sena Parrocca nhar it-18 ta' Jannar 1996.

Zjara ohra li ghamel Mons. Arcisqof kienet it-Tlieta 20 ta' Gunju 2000, meta hu zar xi postijiet tax-xoghol. Kienet attivita' li l-Parrocca organizzat bhala parti mill-programm ta'thejjija ghall-festa Titulari.
Hu kien wera interess fix-xoghol li jwettqu whud mill-bdiewa taghna, tkellem maghhom dwar il-problema ta' l-ilma, tas-shana u dwar dak kollu li jista' jdghajjef il-prodott. F'din iz-zjara waqaf jitkellem ma' l-ahwa Galea, il-Familji Muscat, Bartolo u Grech.
Ha nteress fil-process ta' kif jigu maqtula u ppreparati t-tigieg biex jitwasslu ghand il-bejjiegha meta tkellem mal-haddiema ta' Valle del Miele u Ta' Gauci Poultry. ______

Fl-ambjent taghna jitkabbru kwantita' kbira ta' fjuri u pjanti u z-zjara li ghamel fis-serer tal-Green Supplier kompliet tressqu lejn is-sbuhija tal-pjanti li hu tant ihobb.

Ix-xoghol f'Burmarrad mhux biss fl-ghelieqi. Ghalhekk zar il-hafna garaxxijiet li fihom isir xoghol differenti fl-inhawi ta' Wied il-Ghasel. Zar wkoll il-haddiema ta' Burmarrad Commercials u ta' Bonnici Brothers. Tul iz-zjajjar tieghu Mons. Arcisqof dejjem heggeg lil kull haddiem biex jiehu hsieb hajtu, l-familja u jkun maghqud ma' Gesu' fil-ferh.

Fid-diversi hsibijiet li Mons Arcisqof qasam mal-Komunita' ta' Burmarrad hu sahaq fuq il-bzonn li lkoll inhossuna "mahbubin mill-Mulej", "Nitolbu ghal xulxin". Waqt il-hsieb li ghamel meta ccelebrajna l-25 sena Parrocca, Mons' Arcisqof ikkundanna x-xoghol meta l-valuri tal-familja jitwarrbu qisu xejn mhu xejn. F'din l-okkazzjoni hu fakkar lilna Komunita' ta' Burmarrad li minghajr imhabba, l-mohh ikisser l-individwu.

Meta gie biex jamministra s-Sagrament tal-Grizma ta' l-Isqof fis-sena 1997 hu heggeg kemm seta' lit-tfal biex jippartecipaw fil-quddiesa. F'din l-okkazzjoni hu kkundanna bl-ahrax id-divorzju kif ukoll id-droga li sejhilha "dlam".

Xi haga sabiha li Mons. Arcisqof ihobb jaghmel kull meta jiltaqa' mal-Komunita' hi li jheggeg biex nitolbu ghalih filwaqt li hu dejjem iwieghed li jitlob ghalina.

Permezz ta' dawn il-versi hu xieraq li nroddu hajr 'l Alla ghall-gid Spirtwali li dejjem offrilna Monsinjur Arcisqof kull darba li zar ir-rahal taghna. Inweghdu li nibqghu nitolbu ghalih biex ikun Raghaj li jghinna nimxu fit-triq li twassalna dejjem lejn Alla Missierna u fl-ghaqda ma' xulxin.

Mark Grech





*Mons. Arcisqof waqt iz-Zjara f'Burmarrad nhar it-Tlieta 20 ta' Gunju 2000*

